# NISMGĦU, NIDDIXXERNU, NGĦIXU S-SEJĦA TA' ALLA

*Siltiet mill-Messaġġ tal-Papa Franġisku għall-55 Jum Dinji ta' Talb għall-Vokazzjonijiet 2018*

"Fid-diversità u fl-ispeċifiċità ta' kull vokazzjoni, personali u ekklesjali, dejjem irid ikun hemm dawn l-atteġġjamenti: **NISIMGĦU, NIDDIXXERNU, NGĦIXU S-SEJĦA,** frott il-Kelma li tiġi minn fuq u li, filwaqt li tagħtina l-opportunità li niżviluppaw it-talenti tagħna, tagħmilna strumenti tas-salvazzjoni fid-dinja u torjentana għall-milja tal-ferħ".

**NISIMGĦU**

"Alla jitkellem b'mod silenzjuż u diskret, mingħajr ma joħnoq il-libertà tagħna… Jeħtieġ allura li nippredisponu rwieħna għas-smigħ profond tal-Kelma tiegħu u tal-ħajja, nagħtu attenzjoni għal kull sinjal żgħir fil-ħajja tagħna ta' kuljum, u nitgħallmu naqraw l-avvenimenti li jseħħu f'ħajjitna bl-għajnejn tal-fidi; fl-istess waqt nibqgħu miftuħa għat-tnebbiħ tal-Ispirtu… Ma nistgħux nagħrfu s-sejħa jekk nibqgħu magħluqin fina nfusna, fid-drawwiet tagħna u fl-apatija ta' min jaħli ħajtu fl-egoiżmu tal-jien u b'hekk jitlef l-opportunità li joħlom kbir u li jkun protagonista tal-istorja unika u oriġinali li Alla kiteb għalih."

**NIDDIXXERNU**

"Kull wieħed minna jista' jiskopri l-vokazzjoni tiegħu biss permezz tad-dixxerniment spiritwali, 'proċess' li fih il-persuna tasal biex tagħraf, fi djalogu ma' Alla u fis-smigħ tal-vuċi tal-Ispirtu, l-għażla fundamentali tagħha… Bħal riħ li jtajjar it-trab, il-profeta jiddisturba t-trankwillità falza tal-kuxjenza li tinsa l-Kelma ta' Alla, jiddixxerni l-avvenimenti fid-dawl tal-wegħda ta' Alla, u jgħin lill-poplu jagħraf is-sinjali tat-tama fid-dlam tal-istorja… Kull Kristjan għandu jipprova jiżviluppa l-kapaċità li 'jaqra b'mod profond' il-ħajja u jagħraf fejn u għalxiex Alla qiegħed issejjaħlu…"

**NGĦIXU S-SEJĦA**

"Il-ferħ tal-Vanġelu jagħtina l-possibbiltà għal laqgħa ma' Alla u ma' ħutna, ma jistax jistenna l-għażż u d-dewmien tagħna; ma jmissniex jekk nibqgħu nħarsu mit-tieqa, bl-iskuża li wieħed qiegħed jistenna ż-żmien it-tajjeb; u lanqas ma jsseħħ għalina jekk ma neħdux ir-riskju li nagħżlu. Il-vokazzjoni hija għal-lum! Il-missjoni Kristjana hija tal-preżent!"

"Jekk nagħrfu li Alla qiegħed isejħilna biex nikkonsagraw irwieħna għas-Saltna tiegħu, ma nibżgħux! Il-Mulej ikompli llum isejħilna nimxu warajh. Ma nistgħux nistennew li nkunu perfetti biex illissnu b'mod ġeneruż l-'HAWN JIEN', lanqas ma għandna nibżgħu mil-limiti u d-dnubiet tagħna, iżda nilqgħu b'qalb miftuħa l-vuċi ta' Alla."



*Grazzi* **mill-qalb lil dawk kollha li kkontribwew fil-ġbir li sar b'risq is-Seminarju fl-Eżerċizzi tar-Randan.**


sem&u

**April 2018**
**Ħarġa nru 8**

***Is-Seminarju u Int***
*Fuljett maħruġ tliet darbiet fis-sena mis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù,*
*Triq Enrico Mizzi, il-Belt Victoria, Għawdex | Tel. 2155 6479*
*Email: info@sacredheartseminary.org.mt | www.sacredheartseminary.org.mt*


## Iż-żgħażagħ, il-fidi u d-dixxerniment vokazzjonali

Bil-mod il-mod resqin lejn ġrajja importanti oħra fil-mixja attwali tal-Knisja u fil-pontifikat tal-Papa Franġisku: is-Sinodu dwar iż-żgħażagħ, il-fidi u d-dixxerniment vokazzjonali. Kif qalet in-nota tas-Sala Stampa tal-Vatikan li ħabbret dan l-avveniment, "is-Sinodu jixtieq jakkumpanja liż-żgħażagħ fil-mixja eżistenzjali tagħhom għall-maturità sabiex, permezz ta' proċess ta' dixxerniment, ikunu jistgħu jiskopru l-proġett ta' ħajjithom, jirrealizzawh bil-ferħ, filwaqt li jinfetħu għal-laqgħa ma' Alla u mal-bnedmin u jieħdu sehem fil-bini tal-Knisja u tas-soċjetà".

Hu interessanti li l-Knisja ma tixtieqx tagħti lezzjoni liż-żgħażagħ kif se jagħmlu dan, imma takkumpanjahom. Li takkumpanja jfisser li filwaqt li tgħin lil xi ħadd fil-mixja tiegħu billi tgħinu jitfa' dawl fuq il-mixja tiegħu, fl-istess waqt titgħallem mill-esperjenza, tiddakkar mill-ħeġġa, u tagħmel tiegħek il-qtigħ il-qalb tiegħu.

F'dan is-sens huwa d-dmir tagħna bħala Knisja li nistaqsu lilna nfusna kif qed ngħinu liż-żgħażagħ fl-isfidi kbar li qed jaffaċċjaw, sfidi mhux daqstant materjali imma eżistenzjali. Nistaqsu lilna nfusna jekk il-fidi Kristjana aħniex qed nifhmuha, ngħixuha, u nwassluha bħala "laqgħa ma' Alla" u "proġett ta' ħajja", u kif dan kollu jista' jkun ta' tweġiba għan-nuqqas ta' sens li qed iġarrbu ż-żgħażagħ fil-ħajja tagħhom.

Imma biex nagħmlu dan, irid ikollna l-kuraġġ li ż-żgħażagħ idakkruna b'dak li hu tipiku tagħhom: ir-rieda li nistaqsu, il-ħeġġa għal esperjenzi ġodda, ix-xewqa għal dak li hu awtentiku, flimkien ma' viżjoni pożittiva tal-ħajja li tqajjem fina enerġija ġdida.

Huwa ta' pjaċir għalija li ninnota li din l-esperjenza ta' Knisja li takkumpanja u tiddakkar miż-żgħażagħ hija xi ħaġa li diġà teżisti f'xi realtajiet tad-Djoċesi tagħna. Nistgħu nsemmu r-realtajiet tal-adolexxenti u ż-żgħażagħ f'diversi parroċċi u n-numru dejjem jiżdied ta' żgħażagħ li jfittxu esperjenzi ta' volontarjat fil-missjonijiet u fl-opri soċjali tal-Knisja. Iżda anki s-Seminarju tagħna huwa post fejn iż-żgħażagħ li qed jitħejjew għas-saċerdozju u l-Knisja tagħna f'Għawdex jagħmlu din l-esperjenza flimkien.

Inkompli nħeġġeġ għalhekk lis-seminaristi tagħna sabiex bil-mistoqsijiet, bl-għażliet u bix-xhieda tagħhom ikomplu jikkontribwixxu għaż-żgħożija tal-Knisja tagħna. U lilkom ilkoll sabiex tkomplu tgħożżu dan il-post, hekk importanti "għall-bini tal-Knisja u s-soċjetà".

Il-Mulej iberikkom ilkoll,
**Mario Grech**
*Isqof ta' Għawdex*



Il-Bord Editorjali, is-Superjuri tas-Seminarju u s-Seminaristi jawguraw

*l-Għid it-Tajjeb*

lill-Qarrejja kollha, lill-Ħbieb u lill-Benefatturi kollha tas-Seminarju.

# Mill-Għatba 'l Ġewwa...

It-Tnejn 15 ta' Jannar id-Djaknu Joseph Hili ressaq it-talba tiegħu lill-Isqof Mario Grech għall-**Ordinazzjoni Presbiterali**.

Nhar il-**Ġimgħa 19 ta' Jannar** ġie fi **tmiemu l-ewwel semestru** u wara saru l-eżamijiet. Imbagħad is-seminaristi kellhom tlett ijiem ta' mistrieħ f'Malta qabel il-bidu tat-tieni semestru, nhar it-Tnejn 12 ta' Frar.




Fl-ewwel Ħamisijiet ta' Frar u ta' Marzu fil-Kappella tas-Seminarju sar **jum ta' adorazzjoni b'talb għal aktar vokazzjonijiet**.

Il-komunità tagħna nhar is-Sibt 3 ta' Marzu **laqgħet lill-komunità tas-Seminarju ta' Malta** għal mument ta' fraternità flimkien.



Andrew Grima (San Lawrenz), Daniel Mercieca (Katidral) u Mario Mercieca (Katidral) **irċievew il-Ministeru tal-Lettorat** minn idejn l-Isqof Mario Grech fil-Bażilika ta' San Pietru u San Pawl, in-Nadur nhar il-Ħadd 4 ta' Marzu.



Nhar is-Sibt 10 ta' Marzu ħabat **it-32 anniversarju mid-Dedikazzjoni tal-Kappella tas-Seminarju**.

Fi **żmien ir-Randan** ġew organizzati diversi attivitajiet. Insemmu l-laqgħa lill-istudenti tal-Form 1 tas-Seminarju Minuri; l-Eżerċizzi għat-Tfal tal-Iskola Primarja tar-Rabat fil-Kulleġġ ta' Għawdex; il-Via Sagra fuq l-Għolja Ta' Għammar; il-korrezzjoni fraterna; u l-irtir. Is-seminaristi jirritornaw is-Seminarju wara l-waqfa tal-Għid, nhar it-Tnejn 9 ta' April.



**Inkomplu nitolbu għall-Vokazzjonijiet**

Il-Ħamis 3 ta' Mejju 2018
Ġurnata ta' Adorazzjoni fil-Kappella tas-Seminarju

# Issa Bdejt...

d. **Carl Scerri**

"Prosit, ilħaqt fl-aħħar... għaddewlek fl-aħħar is-seba' snin tas-Seminarju". Din u ħafna frażijiet oħra simili huma wħud mill-kummenti li rċevejt dakinhar tal-Ordinazzjoni Presbiterali tiegħi u fil-ġimgħat li segwew. Min lissen dawk il-kummenti ried iwassalli l-awguri tiegħu. L-istess awguri li wieħed iwassal lil xi individwu dakinhar tal-gradwazzjoni tiegħu, jew meta jtemm xi tappa importanti f'ħajtu. Huwa awguri li jindika li persuna tkun waslet xi mkien, tkun laħqet xi ħaġa, tkun temmet b'suċċess missjoni li kellha. Dan kollu iżda ma japplikax għaż-żagħżugħ li dakinhar tal-Ordinazzjoni tiegħu jsir presbiteru. Li tilħaq saċerdot ma huwiex it-tmiem ta' seba' snin fis-Seminarju, imma l-bidu ta' ħajja ta' servizz lil Kristu u lill-Knisja.



Il-jum tal-Ordinazzjoni tiegħi, nhar is-26 ta' Mejju, ma kienx għalhekk it-tmiem, imma l-bidu. Dawn l-ewwel xhur tal-ħajja saċerdotali tiegħi ma għaddejthomx Għawdex, imma fi Franza, fil-belt ta' Pariġi. Bħall-bqija ta' sħabi, wara l-Ordinazzjoni jien ħallejt lil Għawdex biex f'pajjiż u f'kultura differenti minn tagħna, inkompli l-istudji tiegħi u nibda nibni l-identità saċerdotali tiegħi. Hawnhekk f'Pariġi jien qiegħed inkompli l-istudji tiegħi fit-Teoloġija dommatika fl-Institut Catholique de Paris, filwaqt illi ngħix u nservi f'waħda mill-parroċċi tad-Djoċesi ta' Pariġi, dik ta' Saint Jacques du Haut Pas.

Wara li jħalli l-għatba tas-Seminarju, ikun fejn ikun fid-dinja, is-saċerdot "frisk" għandu sfida waħda quddiemu: dik li jikkonkretizza u jqiegħed fil-prattika dak li rċieva fid-dar ta' Triq Enrico Mizzi. Is-Seminarju jagħtik l-ingredjenti kollha biex tkun qassis tajjeb, imma huma l-għażliet konkreti tal-ħajja ta' kuljum li jagħmluk qassis tajjeb. Jien irrid inwieġeb għal din l-isfida fil-kuntest tal-belt ta' Pariġi, il-belt tal-kuntrasti u l-ideoloġiji, il-belt tas-sekulariżmu imma wkoll il-belt tal-qaddisin. Pariġi, il-belt li fuq kollox hi sinonima mal-libertà... kulħadd huwa liberu li jagħżel li jrid. Nemmen, iżda, li din l-għajta ideoloġika u giddieba tal-libertà taħbi warajha iżda verità mportanti: huma l-għażliet tagħna li jiddefinixxuna. Huma l-għażliet tagħna tal-ħajja ta' kuljum li jagħmluna dak li aħna.

Nhar is-26 ta' Mejju għażilt, jew aħjar ġejt magħżul, biex inkun qassis. Minn dakinhar 'il quddiem is-sejħa tiegħi hija li nagħżel ta' kuljum x'tip ta' qassis irrid inkun. Illum qiegħed nagħmel dan Pariġi, għada ma nafx fejn. Iżda ma huwiex il-post li jagħmilna dak li aħna, imma l-għażliet. Is-26 ta' Mejju ma kienx tmiem, imma bidu. Illum u dakinhar ma ngħidx: "Fl-aħħar ħlist", imma: "Issa bdejt".




## Possibli lili?

**Tixtieq tagħraf iktar x'irid minnek Alla?**

Id-Djoċesi Għawdxija toffri esperjenza ta' gruppi (Forms 4-5, 16+) bil-għan li jgħinuk tagħraf is-sejħa ta' Alla.

Għal aktar informazzjoni tista' tkellem lil d.Noel Debono:
fb. **Noel Debono**; email. **debononoel@gmail.com**